MINUTI

## GVERN LOKALI TA’ XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

## SEDUTA NUMRU 28 - Aġġornament

IT-TLIETA 25 TA’ JANNAR 2011 FIL-5.30 TA’ WARA NOFS-IN-NHAR

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

## TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 27 li saret fis-16 ta' Novembru 2010 ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku A. Vassallo ppproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Viċi Sindku A. Farrugia ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

Il-Minuti ta' l-Aġġornamenti li sar fl-14 u is-16 ta' Diċembru 2010 ukoll ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku ppproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillieri F. Roe u E. Muscat issekondaw. Dawn ġew approvati unanimament.

ii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M. Pisani.

## II PUNTI MILL- MINUTI

i Is-Sindku rreferiet għall-proġett tal-photovoltaic panels u nfurmat li l-apparat issa ġie nstallat u dalwaqt se jibda' x-xogħol tal-cable. Hija rreferiet ukoll għad-diżgwid li kien hemm ma xi inkwilini tal-BLK E1 u nfurmat li saret laqgħa magħhom fil-preżenza ta' l-Avukat u l-każ ġie riżolt. Hija qalet li l-Kuntratti li kien għadhom ma ġewx ppreżentati issa se jingħataw lin-Nutar biex ikompli jipproċedi. Is-Sindku nfurmat ukoll li la kien hemm rieda tajba minn naħa tar-residenti hija ħasset li m'għandiex tkompli bil-proċeduri legali u fuq parir ta' l-Avukat se titlob li l-akkuża tiġi rtirata.

Ii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-SR, il-Kumpanija li pprovdiet id-doggy bins, lesta li testendi l-prezz li kkwotat għal-sena. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u kien hemm qbil unanimu li dan jiġi estiż. Il-Kunsill talab ukoll li jinxtraw żewġ bins oħra.

iii Is-Sindku nfurmat li l-GreenMT waħħlet 8 *seperation bins* fix-Xatt.

Antoinette Vassallo — Marisa Pisani
Sindku — Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (jkompli...)

iv Il-Kunsill ġie nfurmat li t-Transport Malta approvat l-instalazzjoni ta' *pelican lights* fi Triq A. Rigord. Dwar il-modifikazzjoni tal-bankini l-Kunsill iddiskuta l-possibilta li dawn isiru mill-ħaddiema tad-Distretti.

v B'referenza ghal-proġett tar-roundabout is-Sindku nfurmat li fil-jiem li ġejjien se tiġi nstallata l-pompa. Hija rreferiet ukoll għall-parti tal-ġebel ta' taħt it-tmun u qalet li 'l quddiem se jkun diffiċli biex din issirlha l-manutenzjoni. Għaldaqstant hija pproponiet li din il-parti tiġi miksija b'xi materjal li m'għandux bżonn manutenzjoni. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsill unanimament approvat wkoll il-pagament tat-tmun, li kien iċċertifikat mill-Perit, kif ukoll il-pagament tas-surveyor.

vi Is-Sindku irreferiet għad-diversi lmenti li ilhom isiru dwar l-istat tal-ħadid u l-kolonni li hemm fuq ir-Rampa kif ukoll ix-Xatt. Hija nfurmat ukoll b'ittra li dehret fil-gażżetta dwar din il-materja. Dwar il-ħadid tax-Xatt il-Kunsillier E. Muscat qal li l-proċess tat-tender suppost wasal fi stadju avvanzat u x-xogħlijiet kellhom isiru din is-sena. Is-Sindku pproponiet li nqabbdu lill-Perit E. Micallef jagħmel rapport dwar dan. Il-Kunsill qabel ma dan.

vii Il-Kunsill iddiskuta l-laqgħa li saret ma' l-Avukat dwar il-konfini u approva li jiġi ppreżentat protest ġudizzjarju l-Qorti.

viii Dwar l-instalazzjoni ta' *CCTV camera* fil-lobby is-Sindku nfurmat li se ssir laqgħa tal-Assosciation biex tiġi diskussa din il-materja. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-problema tad-drenaġġ li kien hemm fix-*shaft* tal-klinika. Is-Sindku nfurmat li dawn issa ġew solvuti u jidher li kien hemm ħsara fl-Alga Flats. Hija nfurmat li l-ispejjes kollha tax-xogħlijiet li saru fix-*shaft* se jitħallsu mill-fond tal-komun u li nkitbet ittra bl-avukat għad-danni. Ġie deċiż li l-Avukat jikteb ittra għad-danni li ġew ikkawżati lill-Kunsill.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (jkompli…)

**vii** Il-Kunsill ġie nfurmat li għad ma kienx hemm risposta mit-Transport Malta dwar il-*bays* li saru fil-Marina għas-*sightseeing buses.*

viii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għad m'hemmx risposta dwar il-*one way system*. Il-Kunsill talab li tinkiteb ittra biex għall-inqas Triq il-Watar issir *one-way* (il-parti ta' bejn Triq il-Qaws u Triq Sir U. Mifsud) peress li qed jinħoloq periklu.

ix Il-Kunsill ġie nfurmat li tablet lill-ARMS biex issir spezzjoni sabiex jiġi moqri l-arloġġ tad-dawl li hemm fil-*pump house*.

x Is-Sindku nfurmat li l-Ministru A. Gatt qabel li ssir laqgħa mal-Kunsill dwar il-privatizazzjoni tal-Yacht Marina. Hija qalet li din se tissejjaħ fil-jiem li ġejjien.

xi Il-Kunsill iddiskuta l-laqgħa li saret mal-Perit dwar l-applikazzjoni għall-pontoons. Il-Kunsill qabel li l-punti mniżżla hawn taħt għandhom jiġu nklużi fl-ittra ta' oġġezzjoni u l-MEPA:

- Maritime Impact Assessment
- Environmental Impact Assessment
- Il-pontoons diġa' eżistenti fuq in-naħa l-oħra tal-Port
- L-applikazzjoni għall-pontoons oħra mir-Royal Malta Yacht Club
- Il-proġett ta' l-*istorm water* fl-istess żona
- L-ipparkjar, it-traffiku, *noise pollution*, l-infrastruttura, *neighbour's disturbance* u r-rikrejazzjoni huma fatturi li għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni meta ssir l-oġġezzjoni
- Il-petizzjoni li saret mir-residenti wkoll għandha tiġi kkunsidrata

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

III KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI

i Is-Sindku rreferiet għall-kommunikat li kellha mill-Kunsill ta' l-Imsida dwar il-proġett ta' Triq il-Prinċipessa Margerita. Hija nfurmat li se ssir laqgħa dwar din il-materja bejn iż-żewġ Kunsilli.

ii Is-Sindku nfurmat li se terġa' ssir Konferenza dwar il-Ġemellaġġi. Hija qalet li minkejja li saret kommunikazzjoni mal-Kunsill ta' Ilioupoli dwar din il-materja dawn ma bagħtu l-ebda risposta. Il-Kunsill iddeċieda li la mhux se jkun hemm l-ebda rappreżentanza Griega jistgħu jattendu l-Kunsillieri kollha għall-Konferenza. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tikteb lid-Dipartiment dwar dan.

iii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrefera għat-tqassim ta' fuljetti ta' reklamar fid-djar li jsir minn diversi entitajiet. Huwa qal li hafna minn dawn jispiċċaw jitħallew fil-parapetti u jħammġu t-toroq meta jtiru bir-riħ. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tikteb lil dawk konċernati dwar dan.

iv Il-Kunsillier F. Roe talab li l-Kunsill jibda' jipprovdi servizz ta' Servizzi Soċjali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li snin ilu Il-Kunsill diġa' kien kiteb dwar din il-possibilta' u ma ħa l-ebda risposta. Hija ħadet l-inkarigu li tindaga dwar dan.

v Il-Viċi Sindku A. Farrugia qal li hemm bżonn li titwaħħal bozza fil-kantuniera ħdejn il-Blokk E3. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li jinġiebu kwotazzjonijiet għal dawl li jaħdem bis-sistema solari.

vi Is-Sindku ppreċentat l-istima tas-Sur A. Camilleri dwar rikostruzzjoni tal-konok (56) li hemm fi Triq A. Rigord. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li jsir ix-xogħol minflok il-pagament ta' l-iscaffolding. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tara li fl-istima hemm inklużi l-konok kollha fuq iż-żewġ naħat tat-Triq. Ġie deċiż ukoll li l-konok l-oħra li hemm fi Triq il-Prinjolata jsiru wkoll u dawk fi Triq l-Imradd isiru meta jsir ir-resurfacing tat-Triq.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i Il-Kunsill appprova x-xiri ta' *computer* mingħand il-Klikk għall-prezz ta' Euro870 kif ukoll upgrade għall-installazzjoni ta' Windows 7 ultimate.

ii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li issa s-servizz tal-WIFI mill-Kunsill qed jieħdu ħsiebu l-MCA u dan qed jiġi provdut mill-Kumpanija Go.

iii Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport dwar it-*tipping*. Hija qalet li l-Kunsill jista' jħallas il-bilanċ li jammonta għas-somma li ġiet allokata lill-Kunsill. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li hu ma jaqbilx li l-kontijiet jitħallsu. Huwa talab li jinġabru l-ammonti ta' skart li ġie ddepożitat u jsir analiżi ta' kemm suppost tħallsu fees. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tagħmel rapport dwar dan.

**Il-Laqgħa spiċċat fit-7.45pm. u sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 24 ta' Frar 2011 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv